IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI SETTEMBRU 2017

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 4 ta' Settembru 2017 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:50 a.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

## L-EWWEL TAQSIMA:

## IL-KOMPONIMENT

**Ikteb MADWAR 350 KELMA fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:**

1. L-użu tas-siti soċjali huwa importanti llum. Iddiskuti.

2. Iddeskrivi l-kumpless ta' ħwienet fejn tħobb tmur tixtri.

3. Ikteb rakkont li jibda jew jispiċċa: "Issa kulħadd qiegħed barra qawwi u sħiħ".

4. Ikteb taħdita dwar l-importanza tal-ilma.

**(Total: 25 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## IT-TIENI TAQSIMA:

### A. FEHIM IT-TEST

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA ta' wara.**

F'Malta nsibu razza ta' naħla endemika magħrufa l-aktar bħala n-naħla Maltija. Din in-naħla tiflaħ għas-sħana sajfija kif ukoll għan-nuqqas ta' ilma. Ma titmeżmiżx mill-kesħa tax-xitwa u kapaċi tirgħa fuq għadd ta' fjuri fil-kampanja tagħna. In-naħla Maltija tista' tagħmel għasel ta' kwalità tajba ħafna.

Sa mill-ewwel seklu wara Kristu nsibu li fil-gżejjer Maltin kont issib għasel bl-abbundanza. Al Himyari jikteb kif f'dak iż-żmien Malta kienet ġiet abbandunata għalkollox u għal xi żmien ħadd ma kien jgħix fuqha, imma kienu jżuruha dawk li kienu jiġbru l-għasel li kienet tipproduċi. Saħansitra sa minn żmien ir-Rumani, l-isem ta' Malta fakkar fl-għasel Malti. Ir-Rumani kienu jsejħu lil Malta 'Melita', kelma li oriġinat minn 'meli' li bil-Grieg tfisser għasel. Madwar Malta nsibu numru ta' mġiebaħ (postijiet fejn jitrabbew in-naħal) li juru kemm in-nies f'Malta gawdew minn dan il-frott tan-naħla. Insibu wkoll postijiet li jafu isimhom għall-għasel jew in-naħal, bħal Wied il-Għasel fil-Mosta u n-Naħħala fil-limiti ta' Għajn Tuffieħa.

Dan kollu juri kemm l-abitanti ta' dawn il-gżejjer, minn kmieni, għarfu s-sigrieti tal-ambjent ta' madwarhom u tgħallmu jisiltu l-benna li toffri l-art niexfa u selvaġġa ta' fuq ix-xagħri kollha blat niggieżi fejn jikbru xtieli baxxi bħas-sagħtar li fuq il-ward ċkejken tiegħu tirgħa n-naħla Maltija. U ma ninsewx ukoll l-espressjoni 'niżilli għasel' li nużaw biex nuru l-apprezzament ta' missirijietna għal dan l-ikel.

Iżda dan l-aħħar daħal il-biża' li maż-żmien din in-naħla tista' tgħib għalkollox minn gżiritna. Dan għaliex din in-naħla endemika għall-gżejjer Maltin qed tiġi mhedda minn naħla oħra ta' Sqallija li kulma jmur qed toħdilha postha. Barra minn hekk, it-tagħlima li n-naħla Maltija għallmet lil missirijietna, dik li x-xagħri ma teqirdux u l-fjura ma tbixxhiex u ma tkissirhiex, qisha bħal twarrbet u qed naraw il-ħin kollu kif u fejn se nkissru.

Illum din in-naħla qiegħda fir-riskju li tiġi estinta. Kien għalhekk li fl-2014, bdiet riċerka fl-Università ta' Malta bl-iskop ewlieni li tiddetermina jekk din in-naħla Maltija għadhiex tinsab f'pajjiżna. F'din ir-riċerka ġew studjati l-karatteristiċi ta' 335 naħla minn kolonji differenti madwar Malta u Għawdex. Fost l-affarijiet studjati kien hemm id-daqs u l-forma tal-ġwienaħ, l-għamla tal-ħalq, id-disinn tal-vini fuq il-ġwienaħ, id-daqs tas-saqajn u ż-żaqq, u t-tul tax-xagħar ta' fuq daharha. L-istudju wera biċ-ċar li n-naħla Maltija għadha teżisti u żammet il-karatteristiċi partikolari u differenti minn dawk tal-pajjiżi ġirien. Fil-fatt tista' tagħrafha mis-saqajn qosra tagħha u x-xagħar twil fuqhom, kif ukoll mid-daqs u l-għamla tal-ġwienaħ.

Studji bħal dawn jagħtuna minjiera ta' tagħrif li permezz tagħha nistgħu nipproteġu n-naħla Maltija u l-għasel li tipproduċi, u fuq kollox jgħinu biex ma nitilfux dak li maż-żmien sar jifforma parti mill-identità Maltija.

*Silta addattata minn "In-Naħla Maltija" ta' Marion Zammit Mangion*

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Semmi **ŻEWĠ** kundizzjonijiet klimatiċi li addattat għalihom in-naħla Maltija. (2)

2. Semmi **ŻEWĠ** fatti li juru kemm il-gżejjer Maltin għandhom tradizzjoni antika fil-produzzjoni tal-għasel. (2)

3. Skont dak li qrajt, għaliex l-art niexfa u selvaġġa hija importanti għall-produzzjoni tal-għasel? (2)

4. Hemm differenza bejn kif kienu jħarsu lejn l-ambjent ta' madwarhom missirijietna u kif inħarsu lejh aħna? Sib raġuni mis-silta għat-tweġiba tiegħek. (2)

5. Liema huma ż-**ŻEWĠ** fatturi ewlenin li qed iwasslu n-naħla Maltija għall-estinzjoni? (2)

6. Semmi **ŻEWĠ** affarijiet li ħarġu dwar in-naħla Maltija mill-istudju li sar mill-Università ta' Malta. (2)

**(Total: 12-il marka)**

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA

F'Malta nsibu razza ta' naħla endemika magħrufa l-aktar bħala n-naħla Maltija. Din in-naħla tiflaħ għas-sħana sajfija kif ukoll għan-nuqqas ta' ilma. Ma titmeżmiżx mill-kesħa tax-xitwa u kapaċi tirgħa fuq għadd ta' fjuri fil-kampanja tagħna. In-naħla Maltija tista' tagħmel għasel ta' kwalità tajba ħafna. (*mill-ewwel paragrafu)*

1. Sib minn dan il-paragrafu kelma **WAĦDA** li tfisser:

a. tgħix f'Malta biss;
b. tiddejjaqx;
ċ. tfittex l-ikel. (3)

2. Fisser l-espressjonijiet ta' hawn taħt b'sing taħthom skont il-kuntest tas-silta kollha.

a. Insibu wkoll postijiet li jafu isimhom għall-għasel jew in-naħal, bħal Wied il-Għasel fil-Mosta u n-Naħħala fil-limiti ta' Għajn Tuffieħa. (*mit-tieni paragrafu)* (2)
b. Dan għaliex din in-naħla endemika għall-gżejjer Maltin qed tiġi mhedda minn naħla oħra ta' Sqallija li kulma jmur qed toħdilha postha. (*mir-raba' paragrafu)* (2)
ċ. Illum din in-naħla qiegħda fir-riskju li tiġi estinta. (*mill-ħames paragrafu)* (2)

3. Liema hi l-espressjoni mill-**aħħar paragrafu** li tindika kemm studji bħal dawn fuq in-naħal huma importanti? (1)

**(Total: 10 marki)**

## IT-TIELET TAQSIMA:

## IL-GRAMMATIKA

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

Il-bniedem jingħaraf minn kemm jaf jirrispetta lill-oħrajn. Din id-dinja tal-oħrajn tibda mill-familja, mill-eqreb u l-egħżeż nies f'ħajjitna. Hemm imbagħad il-qraba l-oħrajn u l-ħbieb, u dawk kollha li f'xi żmien jew ieħor ta' ħajjitna niltaqgħu magħhom. Niltaqgħu mal-ħbieb fl-iskola li hi bħal kamra kbira oħra fid-dar kbira li hi d-dinja. Fl-iskola nistudjaw u nfittxu li nifhmu l-ħajja aħjar. Dan hu l-qofol tal-edukazzjoni kollha. Kull suġġett huwa għodda li biha nippruvaw inbiddlu l-ħajja tagħna u tal-oħrajn għall-aħjar.

1. Ta' liema forma hu l-verb **jingħaraf**? (1)
2. Agħti z-zokk morfemiku ta' **jirrispetta**. (1)
3. Mis-silta sib u ikteb **ŻEWĠ** aġġettivi fis-superlattiv. (2)
4. Agħti s-singular maskil ta' **qraba**. (1)
5. Agħti l-plural ta' **żmien**. (1)
6. Agħti l-għerq ta' **niltaqgħu**. (1)
7. Agħti d-diminuttiv ta' **kamra**. (1)
8. Mis-silta sib u ikteb **ŻEWĠ** verbi tat-tieni forma. (2)
9. Mis-silta sib u ikteb verb trilitteru sħiħ tal-ewwel forma. (1)
10. Mis-silta sib u ikteb verb ta' nisel Romanz. (1)
11. Oħroġ nom mill-verb **nippruvaw**. (1)
12. Ikteb f'kelma **WAĦDA l-ħajja tagħna**. (1)

**(Total: 14-il marka)**

## IR-RABA' TAQSIMA:

## IR-RAPPORT

**Ikteb MADWAR 80 KELMA fuq WIEĦED mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. JEKK SE TUŻA ISMIJIET ARA LI JKUNU FITTIZJI.**

1. Immaġina li int ġurnalist/a. Stednuk tattendi għall-ftuħ ta' ġnien pubbliku ġdid. Ikteb rapport biex jidher fil-gazzetta.

**JEW**

2. Il-kumpanija li inti taħdem magħha talbitek tattendi għal fiera kbira dwar it-teknoloġija barra minn Malta. Ikteb rapport dwar din il-fiera biex meta tiġi lura jiġi ppubblikat fuq is-sit tal-kumpanija.

**(Total: 12-il marka)**

**IL-ĦAMES TAQSIMA:**

**L-ITTRA**

**Ikteb MADWAR 80 KELMA fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti. UŻA L-ISMIJIET U L-INDIRIZZI MOGĦTIJA.**

1. Ir-restorant li ta' spiss tmur tiekol fih ma' sħabek se jkabbar u qed javża li jrid iktar nies biex jaqdu lill-klijenti jew biex jaħdmu fil-kċina. Ikteb ittra lis-Sur Attard, is-sid tar-restorant, li fiha turi x-xewqa tiegħek li taħdem f'dan ir-restorant.
   Ismek: Daniel / Daniela Camilleri
   L-indirizz tiegħek: 50, Triq il-Kbira, Ħal Mula, ĦML 1324.
   L-indirizz tar-restorant: 'Il-Forn', Triq San Pawl, Ħal Mula, ĦML 1324.

**JEW**

2. Inti u sħabek qegħdin torganizzaw btala qasira barra minn Malta. Magħkom jixtieq jingħaqad ħabib ieħor u staqsiek sabiex tibgħatlu ftit dettalji dwar din il-btala permezz ta' ittra elettronika. Iktiblu u tinsiex tuża l-format tal-*e-mail* (skont il-kaxxa hawn taħt).

   Ismek: Maria / Mario Agius
   L-indirizz elettroniku tiegħek: maragius@melit.net.mt
   L-indirizz elettroniku tal-ħabib: kantilena@melit.net.mt

| |
|---|
| Lil:<br>Mingħand:<br>Data:<br>Suġġett:<br><br>.......................................................................................................................<br><br>.......................................................................................................................<br><br>....................................................................................................................... |

**(Total: 12-il marka)**

ĊES22/2B.17s

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI SETTEMBRU 2017

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIB |
| DATA: | 4 ta' Settembru 2017 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Katrin tal-Imdina* u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha:**

***Katrin tal-Imdina***, Dwardu Cachia

Il-qniepen idoqqu,
Igħannu x-xbejbiet,
Bit-tabal u ż-żmamar
Bdew jidwu s-smewwiet.
Katrina u l-Ħakem,
Taħt star tas-satin,
Mal-ħbieb u l-ħaddara
Għall-knisja ħerġin.

Mill-bjut u mit-twieqi
Xeħtulhom dafriet,
Mill-ġwielaq quddiemhom
Ward xerrdu x-xbejbiet;
Mitt barka xtaqulhom
Mitt hena, mitt ġid,
Tifħir fuq l-għarajjes
Kull fomm kien igħid.

Xħin waslu fil-misraħ
Laqgħuhom għożżieb
Bix-xama' f'idejhom
Fid-daħla tal-bieb.
Daħħluhom ġol-knisja
Li kienet bħal ġenna
Mixgħula u mżejna,
Bi ġmielha tithenna ...

Hemm għamlu xi talba
U r-raħeb mar ħdejhom
Berkilhom il-ħatem,
Għaqqdilhom idejhom;
Lill-wieħed u 'l-oħra
Staqsiehom fil-ħin,
Kif titlob il-Knisja,
Jogħġbux lil xulxin.

**Wieġeb:**

1. X'inhi l-atmosfera li joħloq il-poeta f'din is-silta? Islet **TLIET** kelmiet, frażijiet jew versi li bihom tinħoloq din l-atmosfera. (4)

2. Mill-ewwel strofa sib u ikteb iperbole, u fisser l-effett li l-poeta joħloq biha. (4)

3. Fisser l-atmosfera li joħloq il-poeta fix-xena tal-aħħar żewġ strofi f'din is-silta. Għaliex din ix-xena hija importanti fil-kuntest tal-poeżija kollha? (4)

4. a) Ikteb x'inhi l-figura tat-taħdit li qed iħaddem il-poeta fil-versi "Daħħluhom ġol-knisja/Li kienet bħal ġenna". (1)

   b) X'effett joħloq il-poeta b'din il-figura tat-taħdit? (3)

5. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din is-silta mill-poeżija. (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Quo Vadis?* u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha:**

***Quo Vadis?*** Rużar Briffa

Fejn huma sejrin
għal dejjem bla sabar
min-nieqa sal-qabar
dal-ħalja bnedmin?
Fejn huma l-għeruq?
Qatt lilhom ma trażżan il-bewsa tar-riħ?
Qatt lilhom ma tlajjem is-sħana tax-xemx?
Għaliex ftit mistrieħ
għalihom ma hemmx,
u l-lehma biss tagħhom
il-ħajja tas-suq?

**Wieġeb:**

1. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fl-ewwel erba' versi ta' din is-silta? Fissirha billi tikteb x'effett joħloq biha l-poeta. (4)

2. Għaliex nistgħu ngħidu li l-ewwel erba' versi ta' din is-silta jiffurmaw strofa regolari? (4)

3. a) Ikteb dwar ir-ritmu li joħloq il-poeta fl-ewwel erba' versi ta' din is-silta. (1)

   b) Kif jintrabat dan ir-ritmu mat-tema tal-poeżija? (3)

4. a) X'inhuma ż-**ŻEWĠ** figuri tat-taħdit li nsibu fil-vers: "Qatt lilhom ma tlajjem is-sħana tax-xemx?" (2)

   b) Fisser xi jrid jifhem il-poeta bil-kelma "tlajjem" f'dan il-kuntest. (2)

5. Fil-kuntest tal-poeżija kollha, fisser il-kuntrast li joħloq il-poeta bejn din is-silta u l-ewwel strofa. (4)

**(Total: 20 marka)**

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha:**

*Aqrali xi ħaġa ġdida, qaltilha*, Clare Azzopardi

Lina, bint Stella u Maurice, twieldet f'kamra qisha l-ħarifa; kull fejn tħares, karti u kotba mitluqa mal-art. Stella kienet ħasset lil xi ħadd jimbotta waqt li kienet qed tiġbor xi karti. U tgħawġet ftit. Kompliet tiġbor u tpoġġi fuq l-ixkafef. Weġgħa oħra. Ippruvat titbaxxa għal ktieb ieħor imma mbuttatura oħra u weġgħa ftit iktar qawwija niżżluha għarkupptejha mal-art u ma ħallewhiex tqum. Maurice ħakmu l-ġenn u l-ewwel ħsieb li ġieh kien li jmur għand Nina, il-ħabba gozz ta' ħdejhom li ġiet tiġri, tgħajjat u tperper idejha, b'purċissjoni tfal jiġru warajha. Meta rat lil Stella mgħawġa ganċ mal-art, bdiet trodd is-slaleb u titlob lill-Madonna li tibgħathielha tajba. Keċċiet lil uliedha u lil Maurice 'l barra u għalqet il-bieb. Irranġat il-kotba li kienet intelqet fuqhom Stella kif setgħet, deffsitilha f'ħalqha l-ewwel wieħed li ġie għal idejha – *Talb u Kant Sagru Għal Ħajja Kattolika Aħjar* – biex tigdem hi u titqanżaħ, u bl-ewwel karti li sabet ħdejha bdiet tixxuttalha l-għaraq fuq ġbinha. Hekk twieldet Lina: wara nofs siegħa tqanżiħ, b'Maurice jistenna wara l-bieb u jitlob li jkollu tifel. U l-ħabba gozz ta' Nina geżwret lil Lina fi ftit karti mqattgħin mill-ktieb ta' *Talb u Kant Sagru Għal Ħajja Kattolika Aħjar* u ħaditha lil Maurice. "Bla sabar din bintek," qaltlu, "eżatt bħalek!"

**Wieġeb:**

1. Minn din is-silta ta' proża sib similitudni, iktibha u għid x'effett jinħoloq biha. (4)

2. X'kien ix-xogħol ta' Nina, u għaliex in-narratriċi tirreferi għaliha bħala, "il-ħabba gozz ta' ħdejhom"? (4)

3. X'taħseb li kien il-ħsieb tan-narratriċi meta kitbet li Nina "ġiet tiġri, tgħajjat u tperper idejha, b'purċissjoni tfal jiġru warajha"? (4)

4. Fisser l-importanza tad-deskrizzjoni f'din is-silta fil-kuntest tan-novella sħiħa. (4)

5. Fisser, minn dak li naqraw fil-kumplament tas-silta, għaliex Maurice beda "jitlob li jkollu tifel". (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**B. Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha:**

***Jacqueline***, Pierre J. Meilak

Għalkemm kellu biss 27 sena, kien donnu rassenjat li jibqa' għażeb f'dar ommu. X'jonqsu? Kważi xejn. Imma kollox inbidel f'daqqa nhar Ħamis ix-Xirka, meta bħas-snin ta' qabel kien man-nies l-oħra qed jagħmel iċ-ċirkwit kappella sorijiet – knisja prinċipali – kappella Nazzarenu għal tliet darbiet. Kienu għadhom kemm kemm bdew l-aħħar *round* meta fuq iz-zuntier tal-knisja għajnejh iltaqgħu ma' ta' Jacqueline. U tbissmitlu. Ħares madwaru biex jara jekk kinitx qed titbissem lil xi ħaddieħor – kif is-soltu jagħmlu t-tfajliet quddiemu – imma ma ra lil ħadd jitbissem lura. Kien hu! U allura spara tbissima ċkejkna lejn fejn kienet Jacqueline u kompla miexi lejn is-sepulkru li jmiss, fejn did-darba fuq l-anġli tal-kartapesta bit-trumbetti, il-frieġħi tal-palm, l-imfietaħ u ż-żigarelli seta' jara biss wiċċ wieħed ruxxan. Għall-ewwel darba f'ħajtu donnu kien hemm xi ħadd li wera ħajta interess fih. Imma forsi ħasbitu xi ħaddieħor. Wara kollox barra kien dlam ċappa.

Tlett ijiem wara reġa' raha għall-purċissjoni tal-Irxoxt u did-darba tbissmilha fil-pront huwa wkoll. U taħt xemx tisreġ lil Jacqueline raha isbaħ minn qabel. Mhux sabiħa daqs in-nisa vera sbieħ. Imma – ħej – sabiħa wkoll.

Issa li kieku kien mingħalih, dawn il-messaġġi fil-forma ta' tbissima kien iħallihom għaddejjin imqar għal sitt xhur, sena. Għax donnu għalih dak il-mument kien biżżejjed. Imma mhux l-istess għal Jacqueline, li sabitu quddiem il-BOV il-Ħadd ta' wara u wara li kkonfermaw li donnu s-sajf kien se jibda kmieni u li l-ġurnata – marelli – kienet ġa twalet biċċa, sparathielu.

"Tridx bħal-lum ġimgħa mmorru nieħdu pizza?!"

Ma kienx ippreparat għal missila bħal dik. Lanqas qatt ma stennieha u flok bi tweġiba rrispondieha bi tliet mistoqsijiet.

1. "Eh, pizza?"
2. "Għala le?"
3. "Fejn?!"

**Wieġeb:**

1. a) Ikteb **TLIET** kwalitajiet li nsibu fil-karattru ta' Mario skont dak li naqraw f'din is-silta ta' proża. (3)

   b) Mis-silta, islet **TLIET** sentenzi jew frażijiet li juru dawn il-kwalitajiet tal-karattru tiegħu. (3)

2. Din is-silta hija ta' natura narrattiva jew deskrittiva? Għid għaliex. (2)

3. a) Semmi **ŻEWĠ** differenzi li tinnota bejn Jacqueline u Mario. (2)

   b) Irreferi għal eżempji mis-silta li bihom naraw dawn id-differenzi. (2)

4. a) X'inhi l-figura tat-taħdit li joħloq in-narratur bil-kelma "missila"? (1)

   b) Għaliex juża l-kelma "missila" u x'effett joħloq b'din il-figura? (3)

5. X'effett jinħoloq min-narratur meta jispiċċa din is-silta ta' proża bi tliet mistoqsijiet qosra? (4)

**(Total: 20 marka)**

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *BEJN ĦALTEJN* (MINBARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' MADWAR 200 KELMA. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Ikteb dwar il-misteri li qegħdin jinkwetaw lill-protagonista fin-novella *Ittri lil Marta* ta' Joe Friggieri.

**JEW**

2. Il-ħajja hija mimlija dispjaċiri. Fisser kif joħorġu dan l-argument b'modi differenti Ġużè Ellul Mercer fin-novella *Firda minn Kelb* u Maria Grech Ganado fil-poeżija *Jum San Valentin*.

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' MADWAR 200 KELMA. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Ikteb dwar l-importanza li tingħata lill-edukazzjoni fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer.

**JEW**

2. Iddiskuti kif il-mara tidher bħala karattru b'saħħtu fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer.

**(Total: 30 marka)**